MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

NINVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK
FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013

# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur

DIĊEMBRU 2014- ĦARĠA NRU 06




Taf kemm se tonfoq? 06

Is-Servizzi tan-Nutara 20

Regolamenti dwar id-drittijiet tal-Konsumatur 22


ŻUR IS-SIT ELETTRONIKU TAL-MCCAA
www.mccaa.org.mt

# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur


**03** Għas-servizz tal-konsumatur

**04** Fiduċja fil-kummerċjant

**05** Avviżi

**06** Taf kemm se tonfoq? Ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati

**08** Każ: Xogħol li ma sarx skont is-sengħa

**10** Id-Deterġenti fid-Dar

**11** Roħs fil-prezzijiet tal-mediċini

**12** Il-ħidma tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur

**14** Ambjent b'saħħtu: x'jiswa għalija?

**16** Informa ruħek dwar il-pestiċidi li għandek id-dar

**17** Soluzzjoni alternattiva (ADR) u soluzzjoni elettronika (ODR) għat-tilwim tal-konsumatur

**18** Roħs, roħs, roħs - *Sales, Sales, Sales*

**18** Kompetizzjoni: Tisliba

**19** Gwida għall-kiri ta' vetturi

**21** Niltaqgħu ma' Dr Clinton Bellizzi, il-President tal-Kunsill Nutarili ta' Malta

**22** Regolamenti Dwar Id-drittijiet tal-Konsumatur

**24** Numru tat-telefown utli għall-konsumatur



**DIĊEMBRU 2014- ĦARĠA NRU 06**



## Editur

Joyce Borg

## Bord Editorjali

Marcel Pizzuto
Godwin Mangion
Joyce Borg
Michael Cassar
Odette Vella


Ittri jistgħu jintbagħtu bil-posta lil Joyce Borg, Editur **L-Għażla, L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010** jew **joyce.a.borg@mccaa.org.mt** l-indirizz elettroniku.

L-ittri għandhom jkollhom l-isem u l-indirizz ta' min jibgħathom u ma jistgħux ikunu itwal minn 120 kelma. L-editur iżomm id-dritt li jqassar kull ittra, mingħajr ma jinbidel il-kontenut.

L-iskop tal-artikli ta' din ir-rivista huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali. F'każ ta' lment jew bżonn ta' iktar tagħrif, il-qarrej jista' jikkuntattja lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, mingħajr ħlas, fuq il-linja **80074400**.

# Għas-servizz tal-konsumatur

l-*Mission Statement* tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur hi li "jkollna suq fejn jipprevali l-kummerċ ġust u li fih il-benessri tal-konsumatur jinġieb 'il quddiem".



***Marcel Pizzuto***
***Iċ-Chairman tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur***

L-Awtorità hi impenjata li tilħaq dan l-għan permezz tax-xogħol li jwettqu l-erba' entitajiet li għandha fi ħdanha. Fil-fatt, dawn huma responsabbli li jassiguraw kompetizzjoni ġusta fis-suq, ħarsien tal-konsumaturi, regolamenti tekniċi tajbin, u servizzi relatati mal-istandards. Huma responsabbli wkoll mill-metroloġija u minn servizzi oħra tal-laboratorji li jaqgħu taħt l-istess Awtorità.

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni kompla jissorvelja kontra xi prattiċi li jistgħu jxekklu l-kompetizzjoni fis-suq, għad-detriment tal-konsumaturi u tan-negozjanti, partikolarment dawk żgħar.

Fl-aħħar sena, l-Uffiċċju tal-Konsumatur baqa' jassisti lill-konsumaturi biex isolvu l-problemi li jiltaqgħu magħhom meta jixtru xi prodott jew servizz. Fl-istess ħin, kompla jinforma lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom.

Id-Direttorat tas-Sorveljanza tas-Suq, fid-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi, kompla jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li l-prodotti impoġġija fis-suq ma jkunux ta' periklu għall-konsumaturi. Ħarġu numru ta' twissijiet biex il-konsumaturi joqogħdu attenti u ma jixtrux prodotti perikolużi, filwaqt li jekk ikunu xtraw dawn il-prodotti tinġibdilhom l-attenzjoni biex ma jużawhomx u jirritornawhom lil min ikun bigħhomlhom.

Matul din is-sena, l-Istitut tal-Istandards u l-Metroloġija kompla jgħin lill-konsumaturi u l-kummerċjanti. Ħarġu standards, ewlenin fosthom għall-postijiet ta' logħob fuq ġewwa biex it-tfal ikunu jistgħu jilagħbu f'post sigur. Il-Laboratorju tal-Metroloġija kompla jivverifika l-istrumenti tal-kejl u l-użin, il-pompi tal-*fuel*, l-impjanti tal-gass (LPG) u l-*ispeed cameras*.

Din kienet ħarsa ħafifa lejn ftit mix-xogħol li sar minn din l-Awtorità matul l-2013 – ħarsa li tagħti idea tar-responsabbiltajiet differenti u importanti li għandha l-Awtorità.

L-Awtorità hi impenjata biex tnaqqas il-burokrazija li jista' jkun hemm fil-proċeduri li qed jintużaw bħalissa, biex b'hekk il-konsumaturi jkunu jistgħu jinqdew aħjar u fl-iqsar żmien possibbli meta jkunu jeħtieġu xi servizz jew l-għajnuna tal-Awtorità.

Fl-aħħar nett, qed naraw ukoll kif nistgħu ntejbu l-kollaborazzjoni tagħna ma' awtoritajiet oħra biex il-konsumaturi jinqdew dejjem aħjar u ma jkollhomx għalfejn imorru minn awtorità għal oħra biex jagħmlu xi lment jew jiksbu t-tagħrif li jkunu jeħtieġu.

Kull organizzazzjoni hija dinamika. Bħalissa l-Awtorità qed tistudja wkoll l-istruttura tagħha, biex ittejjeb fejn hemm bżonn, anke f'dak li jirrigwarda l-uffiċjali tagħha kif ukoll emendi fil-liġijiet li hi responsabbli minnhom biex tkun tista' tilqa' aħjar għat-tibdil kontinwu tas-soċjetà Maltija.

Flimkien mal-Bord tal-Awtorità, u b'kollaborazzjoni mal-ħaddiema kollha tal-Awtorità, inħares 'il quddiem b'entużjażmu u b'determinazzjoni biex nattwaw il-politika tal-Gvern fil-qasam tal-konsumatur li minnha jgawdu kemm il-konsumaturi kif ukoll in-negozjanti, għax dawn mhux biss ikunu jafu aħjar dwar id-drittijiet tagħhom imma anke l-obbligi li għandhom lejn xulxin.

# Fiduċja fil-kummerċjant

In-numru ta' intrapriżi li jaqblu mal-kodiċi ta' etika mfassal mill-Awtorità u li l-applikazzjoni tagħhom intlaqgħet, kulma jmur qed jiżdied. L-għan ta' din l-iskema huwa li l-konsumaturi jkunu jistgħu jserrħu rashom meta jixtru xi prodott jew jieħdu xi servizz mingħand min qed jipparteċipa fl-iskema ta' Fiduċja *Trust You*. Il-lista ta' partċipanti hija din:

**AllCare Insurance Company**
L-Imsida

**Anthony Preca Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Arkadia Foodstore**
San Ġiljan, Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Art At Home**
Ħ'Attard

**Artech**
Birkirkara

**Ascot House**
Il-Belt Valletta

**Ave Maria Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Bargate Bookshop**
Ir-Rabat, Għawdex

**Bayleys**
San Ġwann; Il-Belt Valletta

**Bedding and Upholstery**
Il-Ħamrun

**Big Ben**
Birkirkara

**Boulevard**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**BR Guest**
Birkirkara

**C Moda**
Tas-Sliema; il-Mosta

**Calliope**
Tignè Point, Tas-Sliema; San Ġiljan

**Centro Moda**
Il-Ħamrun; il-Mosta

**Chateau D' Ax**
Santa Venera

**City Jewellers**
Il-Belt Valletta; Ħaż-Żabbar; Ħ'Attard; Birkirkara; San Ġwann

**Debbie's Baby Centre**
Iż-Żejtun

**Debenhams**
Main Street Shopping Comlex, Raħal Ġdid; The Point Shopping Mall, Tignè Point, tas-Sliema

**Elektra**
Ħal Qormi

**Exit**
Il-Belt Valletta, Raħal Ġdid

**Fashion Dept**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Fino**
Santa Venera

**Flock Images Co Ltd**
San Pawl il-Baħar

**Forestals**
Il-Belt Valletta, l-Imrieħel

**Francis Meli Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Furniture & Furniturings**
Ir-Rabat, Għawdex

**Gauda**
Ir-Rabat, Għawdex

**Gio Battia Delia**
Il-Belt Valletta

**Homemate**
L-Imrieħel

**Honey and More**
Il-Mosta

**ICS Ltd**
Ir-Rabat, Għawdex

**Intercomp**
Il-Marsa

**J Azzopardi Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Jane Norman**
Il-Belt Valletta; tas-Sliema

**Jeanine**
Tas-Sliema

**King Shoe Shop**
San Ġiljan; il-Belt Valletta; Tiġrija Palazz, ir-Rabat, Għawdex

**Landau**
Birkirkara

**M Vintage**
Raħal Ġdid; Bay Street Shopping Comlex, San Ġiljan, Tignè Point, tas-Sliema

**Malta international Training centre**
L-Imrieħel

**Matrix**
The Point Shopping Mall, Tignè point, tas-Sliema; Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan; il-Belt Valletta; tas-Sliema; Main Street Shopping Complex, Raħal Ġdid; SkyParks, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal-Luqa

**Ms Sixty**
Il-Belt Valletta; tas-Sliema

**MSV Life**
Il-Furjana

**Nectar group**
Ta' Qali

**Nine West**
The Point, tas-Sliema

**Novelty**
Il-Belt Valletta

**Oasis**
Tas- Sliema; il-Belt Valletta

**Offerti Specjali.com**
Is-sit elettroniku www.offertispecjali.com

**Orsay**
Il-Belt Valletta; Birkirkara

**Parfois**
Il-Belt Valletta; Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Paul Stationery**
Il-Mosta

**Pavi**
Ħal Qormi

**Peacocks**
Il-Belt Valletta

**Peacocks Kids**
Il-Belt Valletta

**Pearl**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Piazza Italia**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex; Birkirkara; The Point Shopping Mall, tas-Sliema

**Portugese**
L-Imrieħel

**Smart Supermarket**
Birkirkara

**Suite Blanco**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex; The Plaza Shopping Centre, tas-Sliema

**Tape A, L'oeil**
Birkirkara

**Temprina**
Ir-Rabat, Għawdex

**Terranova**
Ra; St Julian's; Tignè Point; il-Belt Valletta; Santa Venera

**Tescoma**
Tal-Pietà

**The Atrium**
L-Imrieħel

**The Curtain Shop**
Ir-Rabat, Għawdex

**The Penthouse**
Il-Mosta

**The Sevens**
Il-Ħamrun

**Tower Shoes**
Tas-Sliema

**Trioligy**
Armani Jeans, Tignè Point, tas-Sliema; Hilfiger Denim, Tignè Point, tas-Sliema; Tommy Hilfiger, Baystreet Complex, San Ġiljan; Armani Jeans, Baystreet Complex, San Ġiljan

**Tutto Casa**
Ir-Rabat, Għawdex

**Underground**
Il-Ħamrun; Embassy Complex, il-Belt Valletta; il-Belt Valletta

**Urban Jungle**
Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat Għawdex

**Vassallo Jewellers**
Ir-Rabat Għawdex

**Vee Gee Bee**
San Ġwann; il-Belt Valletta

**Ventura**
Iż-Żejtun

**Vigos**
il-Belt Valletta

**Vodafone**
Raħal Ġdid; l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal-Luqa; ir-Rabat, Għawdex; il-Mosta; San Ġiljan; Bisazza Str, tas-Sliema; Ħaż-Żebbug, Il-Ħamrun

**Vodafone Retail Store**
Birkirkara; Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta

**White Shop**
Il-Belt Valletta

**Zsa Zsa**
Il-Belt Valletta



## Jinstabu kimiċi *(phthalates)* ipprojbiti fil-*loom charms*

Dan l-aħħar ġew ittestjati numru ta' *loom charms* mill-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) u nstab li kien fihom traċċi ta' kimika ipprojbita. Sitt kampjuni differenti ta' *loom charms* ittieħdu mingħand tliet fornituri differenti u ġew ittestjati skont ir-regolamenti REACH. Dawn instab li kien fihom livelli ogħla ta' kimika minn dak stipulat fil-liġi.

Għalhekk id-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi tal-MCCAA qed tordna l-ġbir ta' dawn il-*loom charms* mis-suq u qed tavża lill-konsumaturi biex ineħħu dawn il-prodotti minn idejn it-tfal u jirritornawhom fil-ħanut li xtrawhom minnu. L-Awtorità ordnat il-ġbir ta' dawn il-prodotti għax il-*phthalates* instabu f'numru ta' kampjuni li ġew ittestjati.

Id-Diviżjoni twissi wkoll lill-operaturi ekonomiċi li se jittieħdu passi jekk jinstab li dawn il-prodotti għadhom qed jitpoġġew fis-suq.

## AVVIŻI PUBBLIĊI MAĦRUĠA MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), ħareġ dan l-Avviż Pubbliku li bih identifika u għarraf lill-pubbliku li:

- Light Projects Limited
- Di Natura International
- Francis Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 472061M

ma onorawx ir-rispettivi deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi.

*Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)*

---

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), ħareġ dan l-Avviż Pubbliku li bih identifika u għarraf lill-pubbliku li:

- Marphil Gauci, detenur tal-karta tal-identità bin-numru 584391M
- Charlot magħruf bħala Carmel Gauci, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 421770M

ma onorax id-deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi, u ulterjorment ġew irreġistrati diversi lmenti fl-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fir-rigward tal-persuni msemmija hawn fuq, b'rabta ma' reklamar qarrieqi ta' *water proofing*, xogħlijiet ta' *water proofing* li ma bdewx jew li ma tkomplewx minkejja li l-konsumaturi ħallsu għal dawn ix-xogħlijiet, u *water proofing* difettuż.

*Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)*

## Plakek 2 *Pin*

Skont ir-Regolamenti tal-Aċċessorji tal-Elettriku (L.S. 427.51), kull prodott li jitpoġġa fis-suq f'Malta għandu jkollu terminazzjoni adekwata. Is-sistema domestika tal-elettriku f'Malta hi bi plakek ta' bi tlieta (*3 pin plug)*. Dan ifisser li s-*sockets* u l-plakek iridu jkunu skont l-istandard BS 1363. Meta prodott tal-elettriku ma jkollux plakka 3 *pin*, trid tinbidillu l-plakka għal waħda *3 pin* jew tingħata miegħu plakka alternattiva adekwata *(conversion plug)*, kif muri fl-istampi iktar 'l isfel. Biex din il-plakka alternattiva tkun tajba, trid titneħħa bl-għodda. Il-ħtieġa ta' *conversion plug* hi primarjament għas-sigurtà ta' min ikun se juża l-prodott ħalli jkun evitat xokk tal-elettriku minn plakek li ma jkunux *3 pin* imdaħħla f'*sockets 3 pin*, kif ukoll biex ikun żgurat li l-provvista tal-elettriku tgħaddi minn apparat tal-elettriku bi *fuse*.

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) tixtieq tinforma lill-importaturi u l-bejjiegħa bl-imnut li huwa d-dover tagħhom li jissupplixxu l-apparat elettriku bi plakka *3 pin* jew b'*conversion plug* qabel ma l-konsumaturi jieħdu l-prodotti d-dar. Il-konsumaturi għandhom jaraw li l-apparati tal-elettriku kollha li jixtru jkollhom il-plakek adekwati qabel jixtruhom.



*Odette Vella*
*Senior Information Officer, MCCAA*

# Taf kemm se tonfoq?

## Ir-regolamenti dwar il-prezzijiet indikati

Meta bħala konsumaturi jkollna bżonn nixtru xi prodott, huwa fl-interess tagħna li naraw x'hemm fis-suq u nqabblu prodott ma' ieħor. Biex nagħmlu dan huwa neċessarju li niġbru ċerta informazzjoni dwar il-prodotti li jkun hawn għall-bejgħ. Li nkunu nafu kemm jiswa oġġett huwa importanti għax inkunu nistgħu nagħmlu għażla aħjar.

Il-mod kif nakkwistaw din l-informazzjoni għandu rwol importanti. Biex l-għażla tax-xiri tkun libera u mingħajr pressjoni żejda mill-bejjiegħ, huwa meħtieġ li kull prodott offrut għall-bejgħ ikun immarkat bi prezz. Dan huwa, fil-fatt, obbligu legali li joħroġ mir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati.



**Kif għandhom jindikaw il-prezzijiet il-bejjiegħa?**

Kull tip u qies ta' prodott għandu jkun għall-bejgħ bil-prezz immarkat fuqu. Dan għandu jkun indikat ċar u li jista' jinqara faċilment mill-konsumatur. Anke l-prodotti murija fil-vetrini tal-ħwienet għandu jkollhom il-prezz magħhom. Meta f'ħanut ikun hemm aktar minn prodott wieħed tal-istess tip, ikun biżżejjed jekk il-prezz jintwera fuq prodott minnhom jew fuq l-ixkaffa fejn ikunu stivati l-prodotti.

Ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati jispeċifikaw li l-prezz indikat għandu jkun dak finali, fil-munita ewro, u għandu jinkludi l-VAT u kwalunkwe taxxa u spejjeż oħra. Meta, pereżempju, ikun hemm xi ħlas għat-trasport tal-oġġett, dan għandna niġu infurmati bih qabel ma nixtru.

Meta l-prezz indikat ma jkunx dak li l-konsumatur ikun se jintalab iħallas mill-bejjiegħ, ikollna prattika kummerċjali inġusta u l-konsumatur għandu d-dritt jinsisti li jħallas

***Meta l-prezz indikat ma jkunx dak li l-konsumatur ikun se jintalab iħallas mill-bejjiegħ, ikollna prattika kummerċjali inġusta u l-konsumatur għandu d-dritt jinsisti li jħallas il-prezz immarkat***

il-prezz immarkat. Il-prezz finali għandu wkoll jintwera fir-reklamar u fi żmien is-*sales*. Meta jkun hemm roħs, mhux biżżejjed li jintwera biss il-persentaġġ tiegħu.

### Meta m'hemmx obbligu li jiġi indikat prezz?

Dawn ir-Regolamenti jeżentaw lill-bejjiegħa mill-obbligu li jindikaw il-prezz meta:

- il-prodotti jinxtraw bi skop li jerġgħu jinbiegħu, bħal meta bejjiegħ jixtri mingħand aġent;
- il-prodotti jinbiegħu waqt li jkun qed jiġi pprovdut servizz;
- isir bejgħ b'irkant jew bejgħ ta' xogħlijiet artistiċi jew antikitajiet.

### Xiri ta' servizzi

Fil-każ tas-servizzi m'hemmx obbligu legali li min jipprovdi servizz jagħmel lista bil-prezzijiet tas-servizzi li jkun qed joffri. Minkejja dan, min ikun se jipprovdi s-servizz għandu xorta waħda jinforma lill-konsumaturi bil-prezz totali tas-servizz, qabel ma jagħmlu l-ordni. Fl-istess ħin, meta niġu biex nixtru servizz huwa dejjem fl-interess tagħna li nitolbu lill-bejjiegħ biex jagħtina stima tal-ispejjeż kollha qabel ma nikkonfermaw l-ordni.

### Listi bil-prezzijiet tal-ikel u x-xorb offruti għall-bejgħ

Postijiet bħal restoranti, *pubs*, bars u gabbani, għandhom l-obbligu legali li jagħmlu lista bil-prezzijiet tal-ikel u x-xorb li jkollhom għall-bejgħ. Din għandha titqiegħed fejn tidher ħalli l-konsumatur ikun jista' jaraha qabel jidħol jew jersaq (fil-każ tal-gabbani) biex jixtri mingħandhom. Dawn il-listi għandhom juru l-prezzijiet b'mod ċar u jkunu aġġornati regolarment.

### Ksur tal-liġi meta l-prezzijiet ma jkunux indikati kif suppost

Meta tal-ħanut ma jindikax il-prezzijiet kif stipulat fir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati, ikun qed jikser il-liġi u jekk jinstab ħati jista' jeħel multa kif ukoll sospensjoni tal-liċenzja tal-bejgħ tiegħu. Id-Direttorat tal-Infurzar, fl-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, jagħmel spezzjonijiet regolari fil-ħwienet u jiċċekkja li l-prezzijiet qed jiġu indikati skont il-liġi. Jekk waqt dawn l-ispezzjonijiet jinstabu xi irregolaritajiet, l-uffiċjali tal-Awtorità jinfurmaw lil sid il-ħanut bl-obbligi legali tiegħu u jekk dan jippersisti fil-ksur tal-liġi jittieħdu passi legali kontrih. Għaldaqstant kull bejjiegħ għandu jara li jimmarka l-prezzijiet skont il-liġi u jaċċerta ruħu li dawn l-obbligi legali jiġu wkoll osservati mill-impjegati tiegħu.

## Mela, ma ninsewx...

- Il-bejjiegħa għandhom l-obbligu legali li jindikaw il-prezz fuq il-prodotti li jkollhom għall-bejgħ.
- Il-prezzijiet għandhom ikunu immarkati ċari u li jistgħu jinqraw faċilment.
- Il-prezz indikat għandu jkun dak finali li niġu mitluba nħallsu mill-bejjiegħ.
- Qabel nixtru servizz, għandna dejjem nitolbu stima tal-ispejjeż kollha involuti.
- Postijiet bħal restoranti, bars u gabbani għandhom l-obbligu li juru lista bil-prezzijiet tal-ikel u x-xorb li jkunu qed ibigħu.



# Xogħol li ma sarx skont is-sengħa

*Dr Melanie Vella*
*Direttur Ilmenti*
*u Konċiljazzjoni, MCCAA*

**Il-każ**

Konsumatur kellu bżonn jagħmel xi xogħol fuq il-faċċata tad-dar tiegħu. Għalhekk ftiehem ma' negozjant biex jobroxlu l-faċċata, jiftaħ il-fili u jirtokkja l-ġebla, fejn meħtieġ, skont is-sengħa għall-prezz ta' tmien mitt ewro (€800). Ftiehmu li l-konsumatur iħallas mitejn ewro (€200) bħala depożitu. Imma minflok għamel ix-xogħol hu stess, in-negozjant qabbad lil wieħed mil-lavranti tiegħu biex jagħmlu hu minfloku. Il-lavrant beda x-xogħol fuq il-faċċata, imma wara ftit jiem il-konsumatur waqqfu għax deherlu li ma kienx qed jaħdem sewwa u li kien għamillu l-ħsara fil-faċċata.



## X'passi ħa l-konsumatur biex isolvi dal-każ?

Il-konsumatur tkellem man-negozjant biex jipprova jilħaq qbil ma' dan tal-aħħar ħalli x-xogħol isir mill-ġdid u titranġa l-ħsara li kienet saret. Imma n-negozjant irrifjuta li jerġa' jagħmel ix-xogħol u baqa' jsostni li x-xogħol kien sar tajjeb. Għalhekk, il-konsumatur dar għall-għajnuna u l-pariri tad-Direttorat għall-Ilmenti u l-Konċiljazzjoni, fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

L-uffiċjal inkarigat evalwa l-każ u wara li rreġistra l-ilment, bdiet il-medjazzjoni man-negozjant bl-iskop li jintlaħaq ftehim xieraq. Billi, f'dan il-każ, il-medjazzjoni ma wassletx għall-ftehim mixtieq, il-konsumatur għażel li jressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi.

**X'iddeċieda t-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi?**

Kemm in-negozjant u l-konsumatur dehru quddiem it-Tribunal u taw il-verżjoni tagħhom ta' dak li kien ġara. In-negozjant baqa' jsostni li x-xogħol sar sew u li mhux minnu li saret il-ħsara fuq il-faċċata. Inqeda wkoll b'din il-kawża biex jagħmel kontrotalba għall-ammont dovut lilu mill-konsumatur għax-xogħol li għamel il-lavrant tiegħu. Għalhekk, in-negozjant talab tliet mitt ewro (€300) oħra aktar mid-depożitu li diġà kien ħallas il-konsumatur. Wara li sema' ż-żewġ partijiet, l-Arbitru tat-Tribunal qabbad perit tekniku biex jistabbilixxi l-kwalità tax-xogħol li kien sar mil-lavrant tan-negozjant.

It-Tribunal wara li eżamina l-fatti, ix-xhieda li ngħatat u r-rapport tal-perit tekniku kkonsidra:

- Li mir-rapport tal-perit ħareġ ċar illi x-xogħol li sar fuq il-faċċata tal-konsumatur, mil-lavrant tan-negozjant, sar ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti, tant li l-persuna li għamlet ix-xogħol ma kinitx tal-mestier.
- Li l-perit tekniku kkonferma li vera kienet saret ħsara sostanzjali lill-faċċata u stima li huma meħtieġa tliet mitt ewro (€300) biex tiġi rranġata dil-ħsara.
- Il-persuna responsabbli biex tagħmel tajjeb għall-ħsara huwa n-negozjant, mhux il-lavrant tiegħu, anke jekk kien dan tal-aħħar li għamel ix-xogħol fuq il-faċċata tal-konsumatur. Il-konsumatur kien ftiehem man-negozjant u ma' ħadd aktar. In-negozjant kien responsabbli milli jaċċerta ruħu li l-lavranti li jqabbad ikunu tas-sengħa u jagħmlu xogħolhom sew, kif ftiehem mal-konsumatur.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn, u wara li eżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatur, ċaħad it-talba tan-negozjant u kkundanna li n-negozjant jirritorna l-mitejn ewro (€200) li kien ħallsu l-konsumatur bħala depożitu. Barra minn hekk, it-Tribunal ikkundanna li n-negozjant hu obbligat li jħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) oħra lill-konsumatur biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li saritlu fil-faċċata, kif ukoll għall-ispejjeż tal-kawża u tar-rapport tal-perit tekniku.

## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek

**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

8007 4400
2395 2000
fair.trading@mccaa.org.mt

**Miftuħin għall-pubbliku:**

Fis-sajf 1 ta' Ġunju - 1 ta' Ottubru: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u n-12:30

Fix-xitwa 1 ta' Ottubru - 31 ta' Mejju: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa bejn it-8:30 u n-12:30. L-Erbgħa bejn it-8:30 u l-16:00.



## FI ĦMISTAX-IL XAHAR

*(Marzu 2013 – Ottubru 2014)*

**365** in-numru ta' deċiżjonijiet li nħarġu

**235** in-numru ta' deċiżjonijiet favur il-konsumaturi

**130** in-numru ta' deċiżjonijiet favur is-sidien tan-negozji

**€107,774** il-kumpens totali li ngħata lill-konsumaturi

**Ara s-sentenzi tat-Tribunal fuq is-sit elettroniku:**
***http://www.mccaa.org.mt/en/consumer-claims-tribunal***

# Id-deterġenti fid-dar

***Shirley Mifsud** B.Sc. Hons, Dip SM*
***Market Surveillance Scientist***
***MCCAA***

Id-deterġenti huma essenzjali għas-saħħa personali u pubblika għax itaffu u jneħħu l-ħmieġ, u għalhekk iżidu l-iġjene personali, inaqqsu l-preżenza tal-mikrobi li jikkawżaw mard infettiv, u jagħmlu d-djar tagħna aktar pjaċevoli.

Daqskemm id-deterġenti huma utli fil-ħajja tagħna ta' kuljum, jistgħu jkunu wkoll perikolużi jekk ma jintużawx kif jixraq. Xi ingredjenti fid-deterġenti jistgħu jikkawżaw allerġiji fil-ġilda u oħrajn jistgħu jkunu korrużivi u jwasslu għal ħruq fil-ġilda u ħsara fl-għajnejn.

Dawn il-pariri għas-sigurtà jistgħu jkunu utli biex jikkontrollaw ir-riskji relatati mas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent:

- Qabel tuża deterġent, qis li taqra t-tikketta. F'Malta, id-deterġenti jeħtieġ li jkollhom tikketta mill-inqas bil-Malti, bl-Ingliż, jew bit-Taljan. Il-perikli jiġu indikati permezz ta' pittogrammi u dikjarazzjonijiet, u l-prekawzjonijiet relevanti, bħal 'ilbes l-ingwanti' jew 'protezzjoni għall-għajnejn', jiġu elenkati fuq it-tikketta.
- Kull fejn ikun possibbli għandhom jintużaw alternattivi inqas tossiċi jew sostituti li mhumiex tossiċi.
- Id-deterġenti tossiċi għandhom jinħażnu f'post sigur u msakkar, 'il bogħod mit-tfal. Dawn id-deterġenti għandhom ikunu ssiġillati meta ma jkunux qegħdin jintużaw.
- Il-prodotti kimiċi għandhom jitħallew fil-kontenitur oriġinali tagħhom bit-tikketta li tidentifika l-kontenut tagħhom b'mod ċar.





INTENZJONAT



ATTENZJONI WAQT L-UŻU

- Għandu jintuża l-ammont korrett mill-prodott.
- Id-deterġenti għandhom jintużaw fi spazji li jkunu ventilati tajjeb.
- Tagħmir protettiv personali, bħal ingwanti protettivi, fradal u tagħmir ta' protezzjoni għall-għajnejn, għandhom jintużaw kif indikat fit-tikketta.
- M'għandhomx jitħalltu prodotti differenti ma' xulxin sakemm ma jkunx indikat hekk fuq it-tikketta.
- In-nisa tqal għandhom jevitaw kemm jista' jkun l-espożizzjoni tagħhom għal kimika tossika.

# Roħs fil-Prezzijiet tal-Mediċini

Kompla jitħabbar roħs ta' aktar mediċini fosthom dawk użati għat-trattament tal-kanċer. F'każ ta' kjarifiki dwar il-prezzijiet, il-pubbliku huwa mħeġġeġ iċempel lill-Awtorità dwar il-Mediċini fuq 2343 9111 bejn it-8:00am u l-3:45pm. Matul din is-sena tħabbar roħs ta' mediċini kif ġej:

| | Il-Prezz Antik | Il-Prezz Ġdid |
|---|---|---|
| Aclasta 5mg solution for infusion | €568.00 | **€425.00** |
| Xeloda 500mg film-coated tablets x 120 | €550.00 | **€190.00** |
| Forceval Capsules x 30 | €7.51 | **€7.45** |
| Lexotan 3mg x 14 tablets | €7.86 | **€7.84** |
| Terbisil 250mg x 14 tablets | €31.84 | **€25.95** |
| Aldendronic Acid Teva 70mg tablets x 4 | €19.08 | **€14.90** |
| Amaryl 1mg tablets x 30 | €5.71 | **€5.21** |
| Amaryl 2mg tablets x 30 | €7.27 | **€6.59** |
| Amaryl 3mg tablets x 30 | €11.30 | **€10.21** |
| Amaryl 4mg tablets x 30 | €11.87 | **€10.71** |
| Arimidex 1mg film-coated tablets x 28 | €164.66 | **€66.00** |
| Atacand 8mg tablets x 28 | €24.95 | **€22.85** |
| Atacand 16mg tablets x 28 | €29.94 | **€27.92** |
| Atacand 16mg/12.5mg x 28 | €29.94 | **€27.92** |
| Ideos chewable tablets x 60 | €10.99 | **€10.39** |
| Cipralex 10mg film-coated tablets x 28 | €24.13 | **€16.08** |
| Deanxit coated tablets x 100 | €11.98 | **€8.98** |
| Mirena 20 micrograms/24 hours intrauterine delivery system | €192.73 | **€183.44** |
| Combodart 0.5mg/0.4mg hard capsules x 30 | €35.40 | **€28.95** |
| Droptimol 0.25% eye drops x 5ml | €6.24 | **€5.30** |
| Droptimol 0.5% eye drops x 5ml | €6.94 | **€5.50** |
| Lopress 50mg film-coated tablets x 28 | €17.40 | **€12.75** |
| Asyran 150mg film-coated tablets x 30 | €7.27 | **€6.53** |
| Alendronic acid (Arrow) 70mg tablets x 4 | €20.90 | **€18.91** |
| Omeprazole Actavis 20mg capsules x 28 | €13.93 | **€9.24** |

| | Il-Prezz Antik | Il-Prezz Ġdid |
|---|---|---|
| Esomeprazole Actavis 20mg gastro-resistant tablets x 30 | €19.65 | **€18.65** |
| Esomeprazole Actavis 40mg gastro-resistant tablets x 30 | €28.29 | **€23.50** |
| Co-Diovan 80/12.5 film-coated tablets x28 | €27.73 | **€24.96** |
| Diovan 80mg film-coated tablets x28 | €27.73 | **€24.96** |
| Diovan 160mg film-coated tablets x28 | €33.29 | **€30.96** |
| Lescol XL 80mg prolonged release tablets x28 | €33.29 | **€30.96** |
| Zocor 20mg film-coated tablets x28 | €24.77 | **€9.96** |
| Diamicron 60mg modified-release tablets x30 | €13.32 | **€12.39** |
| Hytrin 2mg tablets x 28 | €15.36 | **€13.82** |
| Hytrin 5mg tablets x 28 | €25.58 | **€20.46** |
| Nexium 20mg gastro-resistant tablets x 28 | €28.96 | **€27.51** |
| Nexium 40mg gastro-resistant tablets x 28 | €41.60 | **€39.52** |
| Difflam oral rinse x 300ml | €8.99 | **€7.99** |
| Olanzapine Actavis 5mg film-coated tablets x 28 | €58.45 | **€24.99** |
| Olanzapine Actavis 10mg film-coated tablets x 28 | €89.45 | **€54.50** |
| Tavanic 500mg film-coated tablets x 5 | €22.20 | **€7.80** |
| Tavanic 500mg film-coated tablets x 5 | €39.50 | **€15.60** |
| Telfast 120mg film-coated tablets x 30 | €13.38 | **€8.57** |
| Telfast 180mg film-coated tablets x 30 | €17.31 | **€10.84** |
| Virucid 800mg tablets x 35 | €29.70 | **€26.90** |
| Zidoval 7.5mg/g vaginal gel | €9.57 | **€8.15** |

# Il-ħidma tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur




Minn Jannar bdew jittellgħu *information desks* f'erba' stabbilimenti kummerċjali madwar Malta: il-Ħamrun, Raħal Ġdid, Tas-Sliema u l-Belt. L-uffiċjali tagħna qed iwieġbu d-domandi li jista' jkollhom il-konsumaturi dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom, kif ukoll jekk ikunu jridu jressqu xi lment lill-Awtorità.




Ġew ippubblikati numru ta' fuljetti informattivi għall-konsumaturi u n-negozjanti fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom.




Żidna l-kampanja ta' għarfien dwar l-iskema tal-Marka ta' Fiduċja - 'Trust You' - sabiex in- negozjanti jidħlu f'din l-iskema bil-għan li tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' fiduċja bejn il-konsumatur u n-negozjant.



Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur, ittellgħet lejla edukattiva għall-familja kollha. F'din l-okkażjoni l-Ministru Helena Dalli qassmet il-premjijiet lill-istudenti rebbieħa li ħadu sehem fil-kompetizzjoni li l-Awtorità torganizza fir-rivista 'Sagħtar'

Biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu l-prezzijiet u b'hekk tissaħħaħ il-kompetizzjoni, kontinwament isiru spezzjonijiet fil-ħwienet sabiex jiġi żgurat li l-oġġetti li jkun hemm għall-bejgħ ikollhom il-prezzijiet tagħhom immarkati dejjem b'mod ċar.





Meta l-konsumatur ikollu lment ma' negozjant u ma jirnexxilux jilħaq ftehim miegħu, l-Uffiċċju tagħna jibda ħidma ta' medjazzjoni bejn il-konsumatur u n-negozjant bil-għan li tinstab soluzzjoni bejn dawn iż-żewġ partijiet. Fl-aħħar 12-il xahar kien hemm 589 ilment li ġew solvuti mingħajr tilwim.



Ġew organizzati seminars b'temi speċifiċi, mhux biss għal skop ta' informazzjoni, imma wkoll biex titqajjem diskussjoni bejn dawk preżenti.



# Ambjent b'saħħtu

## X'jiswa għalija?

*Michelle Borg*
*Chief Officer Strategy, MSDEC*

Nisimgħu ħafna bil-bżonn li nħarsu l-ambjent u kultant hawn Malta naħsbu li sakemm ngħallmu lit-tfal, inkunu qed nagħmlu xogħolna. Bħallikieku l-ambjent huwa xi ħaġa tal-kotba, jew li naraw biss fid-dokumentarji televiżivi 'l bogħod mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Għandna għaliex nagħtu kas l-ambjent ta' madwarna? Għalkemm illum ngħixu aktar f'postijiet urbani u mdorrija b'ħajja mgħaġġla, fejn in-natura hi mbiegħda minna u l-prodotti tal-ikel inġibuhom ippakkjati u mqatta' lesti mill-ħwienet, irridu niftakru li aħna ħlejjaq ta' din id-dinja. Biex ngħixu għandna bżonn l-arja, l-ilma u l-ikel – tliet affarijiet essenzjali marbutin ma' proċessi naturali u mal-kwalità tal-ambjent.

Meta l-kwalità ambjentali titnaqqas, saħħitna tbati. Kif tonqos il-kwalità? Kaġun prinċipali ta' dan huwa t-tniġġis mill-azzjonijiet tagħna ta' kuljum. Jekk nieħdu bħala eżempju l-kwalità tal-arja, naraw li meta jinħaraq il-*fuel* biex jitħaddmu l-impjanti tal-enerġija, il-karozzi u l-proċessi industrijali jintremew sustanzi kimiċi u partiċelli fl-arja. Jekk dawn ikunu f'ammonti kbar, l-arja tibda titniġġes. L-ammont u t-tip ta' tniġġis jistgħu jitnaqqsu bl-għażla tal-*fuel* u l-makkinarju/apparat li jintużaw, u b'deċiżjonijiet li jtejbu l-effiċjenza fl-operat. Wieħed faċli jgħid li l-għażla ta' kif joperaw l-impjanti l-kbar mhix f'idejn iċ-ċittadini komuni, u għalhekk jitfa' l-poter tad-deċiżjoni f'idejn ħaddieħor. Imma fil-verità, min jikkonsma l-prodotti u s-servizzi ta' dawn l-operati? Finalment huma aħna l-konsumaturi. Aħna, bħala ċittadini u konsumaturi, għandna d-dmir lejna nfusna li nitgħallmu aktar għax, finalment, huma aħna li nistgħu nħeġġu tibdil fil-prodotti li jkollna fis-suq, fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u fir-regolamenti li jiġu proposti.

F'dawn l-aħħar snin, wara programm ta' moniteraġġ u ta' studji xjentifiċi, il-bniedem beda jagħraf għaliex il-kwalità tal-arja hi l-kaġun ewlieni ta' dan. It-tniġġis fl-arja hu ta' dannu għal saħħitna u għal saħħet ħlejjaq oħra. Bis-saħħa ta' dan l-għarfien żdiedet ir-riċerka fuq l-użu ta' prodotti u proċessi alternattivi. Saru liġijiet biex isir moniteraġġ tal-kwalità tal-arja, ġew deċiżi limiti ambjentali u x'azzjonijiet għandhom jittieħdu jekk dawn il-limiti jinqabżu. Tfasslu liġijiet Ewropej li jinċentivaw l-avvanz teknoloġiku fil-manifattura,



*Saħħitna hija l-egħżeż ħaġa li għandna. Ilkoll nixtiequ ngħixu ħajja mingħajr mard u l-istess ħaġa nixtiequ lil uliedna*

kemm fl-apparat domestiku, kif ukoll fil-karozzi. Dawn il-liġijiet daħħlu standards fil-qasam tal-manifattura li jgħinu lill-konsumaturi jagħżlu bil-għaqal.

Simili għas-settur tal-arja hemm diversi liġijiet u regolamenti maħsuba biex ibiddlu l-operat ta' ħafna setturi għal titjib fil-kwalità ambjentali. Il-liġijiet fuq l-ilma tax-xorb u l-ilma baħar qed iwaqqfu l-użu ta' ċerti sustanzi kimiċi li huma ta' dannu dirett għal saħħitna jew li jaffettwaw prodotti agrikoli u ħlejjaq, tal-art kif ukoll tal-baħar, li nieklu. L-għażla li nagħmlu meta nixtru l-prodotti tal-ħasil u tat-tindif tista' tgħin ukoll biex ittejjeb il-kwalità tal-ilma baħar. Biex dawn ir-regolamenti jitwettqu, irid isir ukoll tibdil li jistgħu jirreżistuh l-operaturi u l-importaturi minħabba l-ispejjeż immedjati li jidħlu fihom, ħaġa li sfortunatament tnessilhom ir-raġuni prinċipali għal dan it-tibdil. Għalhekk huwa meħtieġ li meta jiddaħħlu regolamenti ġodda fil-qasam ambjentali, issir konsultazzjoni wiesgħa li tkun tkopri wkoll lis-settur privat.

Saħħitna hija l-egħżeż ħaġa li għandna. Ilkoll nixtiequ ngħixu ħajja mingħajr mard u l-istess ħaġa nixtiequ lil uliedna. Għalkemm il-mediċina għamlet avvanzi kbar, din hija l-kura li tiġi wara li jkun seħħ id-dannu. Wieħed mill-aktar fatturi li jista' jiggarantixxi prevenzjoni huwa l-kwalità tal-ambjent ta' madwarna. Għandna rwol importanti biex bid-deċiżjonijiet tagħna ntejbu din il-kwalità. L-arma tagħna hija l-għarfien dwar il-proċessi naturali, l-effetti tagħna fuqhom, kif ukoll id-deċiżjonijiet fuq l-għażliet li nagħmlu meta nikkonsmaw u nużaw il-prodotti li nsibu fis-suq. Għalhekk hu importanti r-rwol tal-pubbliku fil-proċess tad-deċiżjonijiet – li nkunu mistiedna nagħtu l-opinjoni tagħna f'perjodi ta' konsultazzjoni. Niftakru li aħna ħolqa kruċjali f'katina sħiħa li qed tistinka biex tħares l-ambjent tagħna. Bħala konsumaturi, għandna neżerċitaw id-dritt li jkollna ambjent b'saħħtu.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja:**

**Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima**
Casa Leoni
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera
**T:** 2388 6303
**E:** info@environment.gov.mt



# Informa ruħek dwar il-pestiċidi li għandek id-dar

*Joanne Borg Galea*
*Senior Scientist, MCCAA*

Il-pestiċidi jinkludu l-prodotti kollha li jintużaw fl-agrikultura u fid-djar. L-immaniġġjar tajjeb ta' dawn il-prodotti huwa ta' benefiċċju, imma tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li dawn il-prodotti huma sustanzi kimiċi perikolużi li jekk ma jintużawx sew, jistgħu jkunu ta' ħsara. Qabel ma dawn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq lokali, jiġu evalwati mill-MCCAA. Importanti li qabel ma nixtru xi pestiċida naraw li din tkun awtorizzata billi niċċekkjaw li jkun hemm in-numru ta' reġistrazzjoni fuq il-prodott jew infittxu l-prodott mis-sit tal-MCCAA - **www.mccaa.org.mt** - fil-lista tal-prodotti kollha awtorizzati.

Il-pestiċidi għandhom jintużaw b'mod sigur. It-tikketta għandha tinqara sew għax fuqha jkun hemm l-informazzjoni kollha fuq il-prodott u kif għandu jintuża (ngħidu aħna, xi prodotti ma tistax tużahom f'post magħluq). Fuq it-tikketta ssib ukoll id-dożi li għandek tuża – b'hekk il-pestiċida ma jkollhiex effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem.

Il-pestiċidi għandhom jinżammu fil-kontenitur oriġinali tagħhom. It-tibdil tal-flixkun jista' jkun perikoluż ħafna għax min ma jkunx jaf bihom jista' jaħseb li dawn huma prodotti li jistgħu jiġu kkunsmati mill-bniedem. Barra minn hekk, il-kontenitur oriġinali jkun magħmul apposta biex ma jkollux reazzjoni mal-kimika ta' ġo fih u miegħu jkollu wkoll it-tikketta li semmejna. Il-pestiċidi għandhom jinżammu f'post imsakkar u fejn ma jintlaħqux mit-tfal u mill-annimali domestiċi. Kemm-il darba nisimgħu b'inċidenti għax it-tfal jispiċċaw jilagħbu b'dawn il-prodotti u jkollhom jittieħdu l-isptar għax ikunu belgħu minnhom.

Dawn l-affarijiet bażiċi huma kruċjali biex inħarsu s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent meta nużaw is-sustanzi kimiċi. Dawn, jekk jinbelgħu mill-bniedem ikun diffiċli biex joħorġu mis-sistema tal-ġisem u jibqgħu jakkumulaw matul ħajtu, tant li jekk jilħqu ċertu ammonti, jistgħu jikkawżaw mard kroniku.

# Soluzzjoni alternattiva (ADR) u soluzzjoni elettronika (ODR)

## għat-tilwim tal-konsumatur

*Joyce Borg*
*Direttur Informazzjoni, Edukazzjoni u Riċerka, MCCAA*



Mhux l-ewwel darba li konsumatur jingħata prodott li mhux ta' kwalità jew servizz li mhux sodisfaċenti. Meta jiġri hekk, il-konsumatur ikollu dritt għal rimedju. Jeżistu mezzi kif wieħed isolvi dawn il-problemi b'mod effettiv, mingħajr ħafna spejjeż u bla ma tiġi involuta l-Qorti. Dan isir permezz tal-entitajiet tal-konsumatur għal Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) u għal Soluzzjoni Elettronika għat-Tilwim (ODR).

Id-direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tistabbilixxi dawn l-entitajiet. Din id-direttiva tipprovdi li jkun hemm soluzzjoni alternattiva għat-tilwim f'kull settur ta' xiri u f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Tajjeb ngħidu li dawn l-entitajiet ma japplikawx għas-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Id-direttiva tistabbilixxi li l-entitajiet barra mill-Qorti għandhom ikunu magħmulin minn partijiet newtrali bħal medjaturi, ombudsman u bordijiet li jilqgħu l-ilmenti tal-konsumaturi. Dawn l-alternattivi għandhom joperaw b'mod effettiv, ġust, indipendenti u trasparenti. L-iskop tagħhom huwa li ma jinvolvux ħafna spejjeż u li jkollhom proċeduri qosra u sempliċi. B'dan il-mod, ikunu ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti.

Dawk in-negozjanti li jintrabtu li jużaw l-ADR iridu jinfurmaw lill-konsumaturi b'din is-sistema mis-siti elettroniċi tagħhom, kif ukoll bit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Uħud minn dawn l-entitajiet jaħdmu mill-internet u għalhekk jissejħu entitajiet ta' Soluzzjoni Elettronika għat-Tilwim (ODR). Dawn jistgħu jgħinu biex jissolva t-tilwim speċjalment fejn jidħol ix-xiri elettroniku u meta wieħed ma jixtrix mill-pajjiż fejn joqgħod iżda minn xi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea qed tippromwovi dawn il-proċeduri għax bihom il-konsumaturi jista' jkollhom soluzzjonijiet faċli meta jiltaqgħu ma' xi problema, kemm meta jixtru f'pajjiżhom kif ukoll meta jixtru xi ħaġa minn barra l-pajjiż. Barra minn hekk, il-konsumatur ikun jista' jserraħ moħħu jekk ikollu xi problema meta jixtri mill-internet, għax dawn joffru mezz effettiv u sempliċi għal kumpens. Dan kollu jħeġġeġ biex isir aktar xiri elettroniku li bih il-konsumaturi, mill-kwiet ta' darhom, ikollhom opportunità aħjar biex jiksbu l-aqwa offerti.

# Roħs, roħs, roħs - *Sale, sale, sale!*

Minn żmien għal żmien il-ħwienet iraħħsu l-prezzijiet u jibdew jirriklamaw ir-roħs tagħhom biex iħajru lilna l-konsumaturi nixtru aktar u b'hekk ibigħu l-istokk li jkollhom u jagħmlu spazju għal prodotti ġodda.

Meta nixtru bi prezz imraħħas (fil-perjodu tas-*sales*) jista' jkun li nagħtu kas aktar kemm inkunu qed niffrankaw flus, milli kemm verament għandna bżonn dak l-oġġett li qed nixtru. Jekk nagħmlu hekk inkunu qed naħlu flusna.

F'dawn iż-żminijiet, ċertu ħwienet jagħtu l-impressjoni li m'għandniex dritt nilmentaw jekk nixtru oġġett difettuż. Fil-verità, waqt is-*sales* id-drittijiet u d-dmirijiet tagħna l-konsumaturi ma jinbidlux. Dan ifisser li jekk nixtru prodott difettuż, legalment għandna dritt nitolbu rimedju.

Li jistgħu jinbidlu waqt is-*sales* huma l-kundizzjonijiet tar-ritorn f'każ li jerġa' jibdielna minn dak li nkunu xtrajna u nkunu nixtiequ nibdluh. Għalhekk huwa fl-interess tagħna li nistaqsu jekk nistgħux nibdlu jew nirritornaw l-oġġett. Jekk le, għandna naraw li nkunu ċerti mija fil-mija minn dak li nkunu se nixtru. Din l-informazzjoni għandna nistaqsu għaliha qabel ma nixtru.

Għandna noqogħdu attenti li l-oġġetti jkunu verament imraħħsa kif riklamat mill-ħanut. Dan ifisser li jekk ikun hemm riklam li jgħid li hemm roħs ta' 50% fuq il-prodotti kollha, il-prodotti kollha tal-ħanut għandhom ikunu mraħħsa bin-nofs.

Bil-liġi, tal-ħanut irid jindika l-prezz oriġinali u l-prezz imraħħas ħalli aħna l-konsumaturi nkunu nafu kemm se nonfqu u niffrankaw.



*Odette Vella*
*Senior Information Officer, MCCAA*

# Paġna għat-tfal Tisliba



### MIMDUDIN

3. F'dan iż-żmien ikun hemm ir-roħs fil-prezzijiet
5. Kelma oħra minflok 'Nakkwistaw'
7. Meta oġġett ma jaħdimx kif suppost ikun hekk
9. Hekk ngħidulu min jixtri oġġett jew servizz
11. Dan isir mill-bejjiegħa biex jippromwovu oġġetti jew servizzi
12. Irridu nagħmlu dan biex nieħdu rimedju meta jkollna problema

### WEQFIN

1. Għandna bżonnhom biex nixtru
2. Kelma oħra minflok 'Soluzzjoni'
4. Dawn tagħtihomlna l-liġi
6. Din għandna bżonnha qabel ma nixtru
8. Hekk nagħmlu meta nġibu oġġett minflok ieħor
10. Għandu jkun indikat fuq l-oġġetti għall-bejgħ

## Kompetizzjoni

**Imlew it-tisliba u ibagħtuhielna**
**sa nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2015 f'dan l-indirizz:**
**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

Numru tal-Permess: DPL 03/2014



*Dr Phyllis Bezzina*
*Head, European Consumer Centre Malta*

# Gwida għall-kiri ta' karozzi

Li tikri karozza ħafna drabi huwa l-iktar mod prattiku u konvenjenti biex tivvjaġġa f'xi pajjiż jew stat ieħor tal-Unjoni Ewropea. Meta konsumatur ikun jixtieq jikri karozza, ifittex l-aħjar offerta u importanti li joqgħod attent biex jevita spejjeż żejda jew, saħansitra, sorpriżi mhux mistennija.

Fil-mument m'hemm l-ebda liġi speċifika għall-industrija tas-settur tal-kiri tal-vetturi. Madankollu, il-konsumaturi huma protetti b'leġiżlazzjoni oħra bi skop aktar ġenerali bħad-Direttiva Ewropea dwar Prattiċi Kummerċjali mhux Ġusti u d-Direttiva Ewropea dwar Klawżoli mhux Ġusti f'Kuntratti mal-Konsumatur.

Qabel ma tintrabat f'kuntratt, tajjeb li tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji. Żomm f'moħħok li dak li jgħodd huwa dejjem il-kuntratt miktub li tiffirma fl-aġenzija qabel tiġbor il-vettura. Dan jgħodd ukoll għal meta tibbukkja karozza mill-internet. Ħafna drabi l-prezzijiet ikkwotati fuq sit elettroniku jkunu jinkludu biss il-prezz bażiku. Għalhekk qis li tiċċekkja dejjem l-istima finali li jkun tak il-kummerċjant għax jista' jagħti l-każ li fiha jkollok imniżżlin tariffi speċjali relatati ma' xi polza tal-assigurazzjoni. Iċċekkja wkoll kemm jiswew prodotti oħra li jista' jkollok bżonn waqt il-perjodu tal-kiri, bħal GPS jew *seat* għat-tfal. Jista' jkun li biex il-vettura tkun tista' tinstaq minn aktar minn sewwieq wieħed, ikun hemm xi spejjeż żejda.

Mhux il-kumpaniji kollha tal-kiri jħaddmu l-istess *fuel policy*. Ħafna kumpaniji jagħtu l-karozza lill-konsumatur mimlija bil-*fuel*, u mbagħad hu jirritornaha mingħajr il-ħtieġa li jerġa' jimlieha. Dan jimplika li l-konsumatur ma jingħatax il-ħlas lura għall-*fuel* li ma jużax. Ħafna drabi jkun impossibbli li tirritorna l-karozza kompletament vojta mill-*fuel,* speċjalment f'kirjiet qosra, u għalhekk, min ikun qed jagħti s-servizz għandu joffri alternattiva oħra. Hemm kumpaniji oħrajn li l-konsumatur jiġbor il-karozza mingħandhom mimlija bil-*fuel* u jkun irid jirritornaha mimlija. F'dan il-każ il-konsumatur ikun marbut li jieħu l-karozza lura mimlija kif miftiehem. Fin-nuqqas ta' dan, il-konsumatur ikollu jħallas aktar għall-mili mill-ġdid tal-karozza, li ħafna drabi jkun ogħla mill-prezz normali tas-suq.

Meta tiġbor il-karozza qis li kull difett li jkollha l-karozza jiġi indikat fuq formola speċjali. Ara li din il-formola tkun iffirmata mir-rappreżentant tal-kumpanija u li tingħata kopja tagħha. Ħu l-ħin tiegħek biex terġa' taqra l-kuntratt u qis li tifhem sew x'inhu u x'mhuwiex kopert mill-polza tal-assigurazzjoni. Importanti wkoll li tkun taf x'għandek tagħmel u fejn tista' ċċempel jekk il-karozza jkollha xi ħsara waqt il-perjodu tal-kirja jew jekk tkun involut f'xi inċident.

Meta jagħlaq il-perjodu tal-kirja ara li tirritorna l-karozza fil-ħinijiet tal-ftuħ. Il-kundizzjoni li fiha l-konsumatur jirritorna l-karozza għandha tiġi kkonfermata bil-miktub. Jekk tħalli l-vettura fil-parkeġġ tal-kumpanija barra l-ħinijiet tal-ftuħ, tista' tinżamm responsabbli għad-danni kkawżati lill-vettura. Fl-aħħar nett, importanti li tiffamiljarizza ruħek sew mar-regoli tat-traffiku tal-pajjiż li tkun se ssuq fih.

### Il-European Car Rental Conciliation Service (ECRCS)

Għal kwistjonijiet relatati mal-kirjiet tal-vetturi fejn hemm element transkonfinali fl-UE, jeżisti s-servizz tal-*ECRCS.* Il-konsumatur jista' jressaq l-ilment tiegħu minn sit elettroniku u l-uffiċjali ta' dan is-servizz jaraw jekk il-kumpanija, membru ta' din l-iskema, li kontriha jkun qed isir l-ilment, tkunx kisret il-kodiċi ta' kondotta tal-iskema. B'dan il-kodiċi, il-kummerċjanti jintalbu jsegwu numru ta' standards relatati mar-reklamar u l-informazzjoni li jgħaddu lill-klijent, mal-kundizzjoni tal-karozza, l-ispezzjoni tagħha qabel u wara l-perjodu tal-kiri, u l-kontijiet lill-klijent.

B'din l-iskema l-konsumaturi jistgħu jressqu lmenti relatati mas-servizz tal-kiri. Il-konsumaturi għandhom jissottomettu d-dokumenti u l-evidenza kollha relatati mal-każ tagħhom. Abbażi ta' dawn id-dokumenti u tal-evidenza mressqa mill-kummerċjant, tinħareġ deċiżjoni. Id-deċiżjoni hija finali u l-kummerċjanti membri ta' din l-iskema huma obbligati li jsegwu d-deċiżjoni meħuda. Filwaqt li m'hemmx dritt ta' appell minn din id-deċiżjoni, il-konsumatur dejjem jibqagħlu d-dritt li jirrikorri għal metodi legali oħra jekk iħoss li d-deċiżjoni ma tkunx ġusta.

Għal tagħrif ieħor fuq dan is-servizz, idħol fis-sit: www.ecrcs.eu




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja:**
**ECC Malta, 47A, Triq in-Nofsinhar, Il-Belt Valletta VLT 1101**
**T:** 2122 1901 **F:** 2122 1902 **E:** ecc.malta@mccaa.org.mt **W:** www.eccnetmalta.gov.mt

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta (ECC Malta) huwa kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

# Niltaqgħu ma' Dr Clinton Bellizzi, il-President tal-Kunsill Nutarili ta' Malta

*Joyce Borg*
*Direttur Informazzjoni, Edukazzjoni u Riċerka, MCCAA*

**X'inhuma l-kwalifiki meħtieġa biex wieħed jipprattika ta' nutar?**
Biex wieħed jinħatar nutar pubbliku f'pajjiżna, irid ikun ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, ikollu kondotta tajba, ikun kiseb dottorat fil-liġi, ikun prattika f'uffiċċju ta' nutar pubbliku għal mhux anqas minn perjodu kontinwu ta' sentejn qabel l-eżami ta' kwalifika, ikun jaf jikteb u jitkellem sew bil-Malti u bl-Ingliż, u jkun għadda mill-eżami ta' kwalifika għal nutar pubbliku skont il-liġi.

**X'jgħid il-kodiċi ta' etika tal-professjoni nutarili dwar is-servizz li għandhom jingħataw il-klijenti?**
Il-professjoni nutarili hija msejsa fuq il-prinċipji tal-imparzjalità u l-indipendenza u l-liġi titlob li n-nutar, bħala uffiċjal pubbliku, josserva dawn il-kriterji bl-aktar mod strett. F'każ ta' kunflitt ta' interess in-nutar għandu jastjeni mill-inkarigu li jkun ingħatalu u għandu jżomm lura minn kwalunkwe mġiba li tista' taffettwa xi waħda mill-partijiet kontra l-parti l-oħra.

**X'inhuma r-responsabbiltajiet tan-nutar meta jsir kuntratt?**
In-nutar li jippubblika kuntratt huwa primarjament responsabbli : (i) mill-aċċertament tal-identità tal-partijiet u l-kapaċità tagħhom; (ii) mill-abbozzar tal-kuntratt fl-aktar forma legali xierqa għall-għan tal-partijiet; (iii) mir-reġistrazzjoni tan-noti fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru tal-Artijiet fost oħrajn, fiż-żmien stipulat skont il-liġi; (iv) mill-arkivjar u r-reġistrar tal-att oriġinali; u (v) mill-ġbir u l-ħlas ta' kwalunkwe taxxa u tariffa oħra dovuta mill-istess att.

Ix-xerrej għandu l-possibbiltà li jqabbad nutar biex jeżamina t-titolu tal-proprjetà li tkun se tinxtara. F'dan il-każ, in-nutar jordna r-riċerki neċessarji skont il-liġi u, wara li jeżaminahom, iħejji rapport dettaljat bil-parir legali tiegħu lix-xerrej. Sal-2013 il-liġi ma kinitx tobbliga lin-nutar jagħmel riċerki fuq proprjetà u lanqas ma kienet tindika kif għandhom isiru dawn ir-riċerki u fiex għandhom tikkonsistu. Mill-1 ta' Jannar 2013, in-nutar beda jkun responsabbli bil-liġi biex jeżamina t-titolu ta' proprjetà li tkun se tiġi trasferita, sakemm ma jkunx eżentat bil-liġi jew mix-xerrej stess.

Ir-regolamenti fl-Avviż Legali 355/2012 jistabbilixxu biċ-ċar xi tfisser 'riċerka', fiex tikkonsisti u xi grad ta' diliġenza għandu jsegwi kull nutar meta jeżamina t-titolu. Permezz tar-rapport dwar l-eżami tat-titolu, ix-xerrej ikollu f'idejh dokument importanti b'opinjoni legali ta' espert li, bl-aktar mod ċar, turi l-pożizzjoni legali tal-proprjetà fil-mument tax-xiri. In-nutar hu obbligat bil-liġi li jiġbed l-attenzjoni tax-xerrej għal kwalunkwe problema jew anomalija li tirriżulta mir-riċerki u, jekk ikun il-każ, jirreferih għal parir ta' professjonist indipendenti. In-nutar obbligat ukoll li jiġbed l-attenzjoni tax-xerrej għal kwalunkwe limitazzjoni tar-rapport li ma toħroġx mil-liġi.

Ix-xerrej jista' jeżenta għal kollox lin-nutar milli jeżamina t-titolu tal-proprjetà u, f'dan il-każ, in-nutar ma jkunx obbligat jagħmel ebda tip ta' riċerka u ma jkunx responsabbli għal kwalunkwe difett li jista' jkun hemm fit-titolu tal-proprjetà. Ix-xerrej u n-nutar jistgħu jilħqu wkoll ftehim bil-miktub dwar x'għandu jkopri r-rapport u fuq il-ħlas biex isir.

**X'parir tagħti lil dawk li se jixtru l-ewwel residenza tagħhom, speċjalment liż-żgħażagħ?**
Ix-xerrej għandu dejjem id-dritt li jagħżel in-nutar tal-fiduċja tiegħu u li jiddeċiedi jekk iqabbdux biex jagħmel l-eżami tat-titolu, kif mitlub mil-liġi. Ix-xerrej jista' jivverifika wkoll man-nutar kemm, bejn wieħed u ieħor, se titla' l-ispiża tal-pubblikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-taxxi u l-eżami tat-titolu. It-tariffi għall-pubblikazzjoni, it-taxxi u l-ispiża tar-reġistrazzjoni huma ffissati mil-liġi. Din l-istima (minbarra r-riċerki, li jvarjaw minn każ għal ieħor) tista' tinħadem man-nutar permezz tat-Tariff Calculator li hemm fis-sit uffiċjali tal-Kunsill Nutarili: www.notariesofmalta.org. Ħadd ħlief in-nutar ma huwa kkwalifikat biex jagħti din l-istima lix-xerrejja.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja:**
**Il-Kunsill Nutarili ta' Malta**
171, Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta
T: 2722 7496
E: info@notariesofmalta.org

# Regolamenti dwar id-drittijiet tal-konsumatur

*Joyce Borg*
*Direttur Informazzjoni, Edukazzjoni u Riċerka, MCCAA*

Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-kuntratti li saru wara t-13 ta' Ġunju 2014.

**Kif inhu protett il-konsumatur b'dawn ir-regolamenti?**
Qabel ma l-konsumatur jixtri xi prodott jew servizz, il-bejjiegħ huwa obbligat li jagħtih l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod ċar u li jinftiehem. Fl-informazzjoni li għandu jingħata l-konsumatur, insibu dan li ġej:

- Fiex jikkonsisti l-prodott jew is-servizz;
- L-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefown tal-bejjiegħ;
- Il-prezz kollu li jkun jinkludi kull taxxa, spejjeż tat-trasport jew spejjeż oħra biex issir il-kunsinna;
- Id-data ta' meta se jsir is-servizz jew ta' meta jkun se jiġi kkunsinnat il-prodott;
- L-arranġamenti għall-ħlas;
- Informazzjoni dwar il-garanzija legali u l-garanzija kummerċjali;
- It-tul tal-kuntratt jew jekk il-kuntratt jiġġeddidx awtomatikament u l-kundizzjonijiet biex ikun jista' jintemm.

Fil-każ ta' xiri permezz tat-televiżjoni (telebejgħ); bl-internet (bejgħ elettroniku); xiri minn katalgi, eċċ., minbarra l-informazzjoni msemmija hawn fuq, il-bejjiegħ għandu jżid dan li ġej:

- Tagħrif fuq id-dritt tal-konsumatur li jirtira mill-kuntratt fi żmien erbatax-il jum mingħajr ma jagħti raġuni;
- Ifakkar lill-konsumatur bil-garanzija legali;
- Jinfurmah fuq is-servizz ta' wara l-bejgħ *(after sales)* u fuq il-garanzija kummerċjali;
- Din l-informazzjoni, flimkien mal-kuntratt, għandha tingħata bil-miktub jew b'mezz ieħor li jservi għal żmien twil.





### Id-dritt li l-konsumatur jirtira mill-kuntratt

Fil-każ ta’ kuntratt ta’ **servizz**, il-konsumatur jista’ jirtira mill-kuntratt fi żmien erbatax(14)-il jum li jibdew jgħoddu mill-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt.

Fil-każ ta’ kuntratt ta’ **bejgħ**, l-erbatax (14)-il jum jibdew jgħoddu minn meta l-konsumatur jirċievi l-prodott.

Jekk il-bejjiegħ ma jipprovdix l-informazzjoni tad-dritt tal-irtirar, il-perjodu ta’ rtirar jiskadi tnax (12)-il xahar mit-tmiem tal-irtirar inizjali.

Il-bejjiegħ għandu jrodd lura l-flus lill-konsumatur mhux aktar tard minn erbatax (14)-il jum minn meta jiġi informat mill-konsumatur li jixtieq jirtira mill-kuntratt.

### L-obbligu tal-konsumatur

Il-konsumatur għandu jrodd lura l-oġġetti lill-bejjiegħ mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn erbatax (14)-il jum minn meta jinformah bl-irtirar tiegħu mill-kuntratt.

Għalhekk, il-bejjiegħ jista’ jżomm milli jrodd lura l-flus sakemm ikun irċieva l-oġġetti jew sakemm il-konsumatur ikun ta prova li bagħat l-oġġetti.



# Numri tat-Telefown Utli għall-Konsumaturi

L-EMERĠENZA (AMBULANZA, PULIZIJA, TIFI TAN-NAR) 112

| | |
|---|---|
| **2395 2000** | L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur |
| **8007 4400** | Linja bla ħlas tal-MCCAA |
| **2124 2420** | Direttorat dwar il-Metroloġija – MCCAA |
| **2149 6016** | Direttorat dwar Servizzi Laboratorji – MCCAA |
| **2122 1901** | Iċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi ta' Malta |
| **2123 9091** | L-Għaqda tal-Konsumaturi |
| **2124 6982** | L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur |
| **2122 7070** | It-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar il-Prezzijiet tal-Mediċini |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar is-Sigurtà tal-Prodotti |
| | |
| **2343 9000** | L-Awtorità dwar il-Mediċini |
| **2124 7677** | L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol (OHSA) |
| **8007 4924** | L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta |
| **2122 2203** | L-Awtorità għat-Trasport f'Malta |
| **2290 0000** | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar |
| **2133 6840** | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni |
| **2122 0619** | L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi |
| **2546 9000** | L-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob |
| **8007 2230** | L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta |
| **2122 1281** | L-Awtorità tax-Xandir |
| **8007 2232** | L-Awtorità tad-Djar |
| | |
| **8007 2222** | ARMS Ltd |
| **2122 2000** | Malta Public Transport |
| **2133 7333** | Id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali |
| **8007 4404** | Id-Dipartiment tal-VAT |
| **2296 2296** | Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni |
| **2124 2270** | Id-Diviżjoni tal-Kummerċ |
| **2156 1622** | Gozo Channel Co Ltd |
| **2132 0202** | Inċidenti tat-traffiku (Gwardjani lokali) |
| **8007 2224** | Il-Korporazzjoni Enemalta |
| **8007 6400** | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma |
| **153** | Is-Servizz ta' Informazzjoni tal-Gvern |
| **8007 2200** | Wasteserv Malta |
| | |
| **2249 4202** | Il-Forzi Armati ta' Malta |
| **2545 0000** | L-Isptar Mater Dei |
| **2156 1600** | L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex |



## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek

**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House**
**Triq Nazzjonali,**
**Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

8007 4400
2395 2000
fair.trading@mccaa.org.mt

**Miftuħin għall-pubbliku:**

Fis-sajf 1 ta' Ġunju - 1 ta' Ottubru: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u n-12:30

Fix-xitwa 1 ta' Ottubru - 31 ta' Mejju: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa bejn it-8:30 u n-12:30. L-Erbgħa bejn it-8:30 u l-16:00.

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***